**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11ta' Dicembru, 2020**

**Talba Nru: 250/2020PM1**

**Sette Limited (C64157)**

**Vs**

**Andre` Chetcuti (K.I. Nru. 294480(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlieta u ghoxrin (23) t'Ottubru, 2020 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-intimat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, erba' mija u dsatax-il euro u ghaxar centezmi (€1419.10) bhala hlas ta' servizzi provduti lill-konvenut mill-istess socjeta` attrici kif hemmhekk dettaljat bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz tat-talba a sostenn taghha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2020.

Ra li waqt tali seduta s-socjeta` attrici rapprezentata minn Charlene Sciberras prezentat affidavit tal-istess Charlene Sciberras b'ghadd ta' dokumenti annessi wkoll in sostenn tat-talba u wkoll affidavit ta' huha Adrian Sciberras u ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-ammont mitlub jinsab ampjament konfermat mill-affidavits ta' Charlene Sciberras u ta' huha Adrian Sciberras minn fejn jirrizulta li l-konvenut izufruwixxa mis-servizzi ta' *marketing* offerti mis-socjeta` attrici u accettati minnu u dana fir-rigward tar-restaurant gestit mill-istess konvenut. Irrizulta wkoll tramite d-dokumentazzjoni annessa mal-istess affidavit ta' Charlene Sciberras li l-konvenut kien infurmat bir-rati ta' hlas applikabbli ghax-xoghol prestat mis-socjeta` attrici u fil-fatt ghadda sabiex jaghmel uzu mill-istess servizzi. Jirrizulta wkoll li s-socjeta` attrici harget il-kont relattiv ghas-servizzi taghha u ghall-ispejjez inkorsi minnha fl-ammont mitlub permezz ta' dina l-kawza imma dan baqa' mhux imhallas.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' elf, erba' mija u dsatax-il euro u ghaxar centezmi (€1419.10) bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**